A.L. 44 ta' l-1984

ATT TA' L-1972 DWAR ĦWEJJEĠ TA' L-IKEL, MEDIĊINALI U ILMA TAX-XORB (ATT NRU. XL TA' L-1972)

Regolamenti ta' l-1984 dwar 'Standards' ta' Zalzett u Laħam taz-Zalzett Tip Ingliż

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1972 dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, il-Ministru tas-Saħħa, fuq il-parir tal-Bord dwar *Standards* ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1984 dwar *Standards* ta' Zalzett u Laħam taz-Zalzett Tip Ingliż u għandhom jibdew iseħħu minnufih ħlief id-dispożizzjonijiet tar-regolament 4 li għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1985.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"ċereali" tinkludi dqiq u lamtu tar-ross;

"zalzett tip Ingliż" tfisser kull taħlita ta' laħam taċ-ċanga jew tal-majjal mhux misjur, imqatta' jew ikkappuljat biċ-ċereali u bil-ħwawar jew mingħajrhom u sew jekk mimlija f'milwa trasparenti u sew jekk le u magħrufa b'mod popolari bħala zalzett tat-tip Ingliż;

"laħam taz-zalzett tip Ingliż" tfisser kull taħlita ta' laħam taċ-ċanga jew tal-majjal mhux misjur, imqatta' jew ikkappuljat biċ-ċereali, u bil-ħwawar jew mingħajrhom;

"laħam" tfisser il-laħam bix-xaħam.

Zalzett u laħam taz-zalzett tat-tip Ingliż ikunu skond l-*istandard*.

3. Ebda zalzett jew laħam taz-zalzett tip Ingliż ma jista' jiġi mportat, manifatturat, ippreparat jew jiġi servut f'xi stabbiliment li jipprovdi ikel jew jinbiegħ bħala ikel *take away* jew xort'oħra kemm-il darba dak iz-zalzett jew laħam ma jkunx skond l-i*standards* stabbiliti fil-kolonni 2 u 3 ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti dwar l-oġġett imniżżel fil-kolonna 1 ta' l-Iskeda.

Tikkettjar.

4. (1) Il-prodott għandu jkun imgeżwer f'għoti trasparenti b'dak il-mod li l-prodott ikun jidher li hu zalzett jew laħam taz-zalzett tat-tip Ingliż.

(2) It-tikketta fuq il-pakkett jew fuq ir-reċipjent ta' zalzett jew laħam taz-zalzett tat-tip Ingliż għandu jkollha —

(a) l-isem tal-marka jew kummerċjali, jekk ikollu, u deskrizzjoni tal-prodott;

(b) l-isem u l-indirizz tal-manifattur jew tal-persuna responsabbbli għall-prodott;

(ċ) it-tip jew it-tipi ta' laħam użat;

(d) dikjarazzjoni korretta tal-kontenut nett bħala piż;

(e) l-isem jew in-numru, jekk ikun hemm, ta' xi kulur jew priżervattiv użat;

(f) il-fatt li jkun fih ċereali jew xi ħwawar, jekk jintużaw.

SKEDA

Regolament 3)

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3
Deskrizzjoni tal-Prodott	*L-inqas kontenut ta' laħam*	*L-inqas laħam mingħajr xaħam*
Zalzett jew laħam taz-zalzett taċ-ċanga	50% li minnu 80% irid ikun laħam taċ-ċanga	60% tal-kontenut tal-laħam
Zalzett jew laħam taz-zalzett tal-majjal	50% li minnu 80% irid ikun laħam tal-majjal	72% tal-kontenut tal-laħam